**6 ta' Marzu, 1946.**

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**P.L. Roberto Tabone ne** *versus* **Joseph Cannataci** (*)

## Ġudikat — Imgħax.

*Ma jistax il-konvenut f'kawża jerġa' jiftaħ it-trattazzjoni ta' l-istess punti fl-istess kwistjoni li ġa ġiet diskussa f'kawża deċiża b'sentenza li ġa għaddiet f'ġudikat, sia pure in linja ta' eċċezzjoni bħala konvenut minflok in linja ta' azzjoni bħala attur; għaliex il-pożizzjoni avversa ta' attur u konvenut ma taffettwax il-forza tal-ġudikat.*

*Meta wieħed mill-kontendenti jeċċita kawża deċiża irrevokabilment, li fiha l-elementi neċessarji għall-validità ta' l-eċċezzjoni tan-"non bis in idem", il-Qorti hija obligata tissolleva dik l-eċċezzjoni "ex officio", avvolja ma tkunx ġiet sollevata espressament mill-kontendenti.*

*Il-ġudikat jikkomprendi anki dawk id-deduzzjonijiet li huma assorbiti bil-kwistjonijiet li ġew irrevokabilment deċiżi bih.*

*Ir-riċerca għall-imgħax ulterjuri magħmula fiċ-ċitazzjoni għandha dejjem tibqa' bil-proviża illi l-ammont ta' l-imgħax ma għandu qatt ikun "ultra duplum".*

L-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, bħala eżekutur testamentarju u amministratur ta' l-assi ta' Enrico Cannataci, kif ukoll bħala kuratur ta' l-interdetta Antonia armla mill-imsemmi Enrico Cannataci bħala kompartecipi fil-koakkwisti, ippremetta illi in forza ta' kuntratt li sar għand in-Nutar Giovanni Chapelle, il-konvenut ikkostitwixxa ruħu debitur versu l-imsemmi Enrico Cannataci fis-somma ta' £455. 17. 10½, bl-interessi tal-ħamsa fil-mija dekorribili middata ta' l-imsemmi kuntratt, li gie stipulat fil-5 ta' Settembru 1932; u illi għaddew wisq aktar minn tliet snin minn meta l-imsemmi kuntratt seta' jiġi eżegwit, peress li ma gie stabbilit ebda terminu; u talab li jiġi minn din il-Qorti awtorizzat jipproċedi kontra l-konvenut għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt hawn fuq imsemmi biex jottjeni l-pagament tas-somma ta' £296. 6. 8 għal tlettax-il sena mgħax, kif fuq stabbilit, mill-5 ta' Settembru 1932 sal-4 ta' Settembru 1945, fuq il-kapital hawn fuq imsemmi; b'riżerva ta' l-imgħax ulterjuri għal din l-aħħar data. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk relativi għall-ittra uffiċjal spedita fil-5 ta' Novembru 1945. kontra l-konvenut interpellat għas-subizzjoni;

***Omissis;***

**Ikkunsidrat;**

Illi fit-trattazzjoni, kif jidher mill-verbal fol. 16. saret riferenza għall-kawża "Giuseppe Cannataci vs. P.L. Roberto Tabone", definita mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Gunju, 1945;

Illi mill-attijiet ta' din il-kawża li għaliha saret riferenza jidher illi l-konvenut odjern, allura attur, kien iddeduċa kontra l-eredità l-lum attriċi l-pretensjoni tiegħu illi l-kuntratt, li tiegħu issa qiegħda tintalab in parti l-eżekuzzjoni, ma jitqiesx, tant għaliex, kwantu għas-somma ta' £100. 19. 2½, għalkemm dovuta, kien hemm ir-rinunzja tal-kreditur, il-mejjet Enrico Cannataci, kemm għaliex, kwantu għall-bqija tas-somma msemmija fil-kuntratt, dan kien fittizju u magħmul b'inganu u qerq;

Illi f'dak il-proċess, definit bis-sentenza tal-Qorti ta' l-

(*) Ceduta fl-Appell, 13. 5. 46.

Appell tal-25 ta' Ġunju 1945, il-konvenut odjernu ġie miċhud mit-talbiet tiegħu;

Illi dawn it-talbiet, hekk miċhuda b'sentenza irrevokabili, huma preċiżament dawk l-istess deduzzjonijiet il-lum mill-konvenut miġjuba bħala eċċezzjonijiet kontra d-domanda odjerna għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt, kif jidher ċar min-nota ta' l-eċċezzjonijiet, mid-dikjarazzjoni ta' magħha, u mid-dibattitu;

Illi hu ċar, għalhekk, illi l-konvenut ma jistax il-lum, li għandu l-ostakolu tal-ġudikat, jerġa' jiftaħ it-trattazzjoni ta' l-istess punti fl-istess kwistjoni, sija pure minflok in linja ta' azzjoni bħala attur, in linja ta' eċċezzjoni bħala konvenut; għaliex il-pożizzjoni invertita ta' attur u konvenut ma taffettax il-forza tal-ġudikat (Prim'Awla "Pace vs. Balzan", 17 ta' Jannar 1898);

Illi, kif osserva l-Imħallef Dr. Cremona sedenti f'din il-Qorti, fil-kawża "Micallef utrinque", 21 ta' Marzu 1923, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Novembru ta' l-istess sena, "risultando tutti gli elementi necessari alla validità dell'eccezione del 'non bis in idem' da una sentenza citata in causa da uno dei contendenti, la Corte è in obbligo di sollevare 'ex officio' quell'eccezione benchè non sollevata esplicitamente da alcuno dei contendenti". U qalet tajjeb il-Cassazione ta' Ruma in re "Riccardi vs. Finanze", 21 ta' April 1893 (Coen, Voce Cosa Giudicata, Materia Civile, para. 317), illi "L'effetto precipuo della cosa giudicata è di vietare ogni esame su ciò che ne formò il subbietto; ed una volta ammessa l'esistenza del giudicato su di un dato punto di quistione, è assolutamente proibito al magistrato di prendere ad esame le deduzioni dirette a rimettere in quistione ciò che con esso è stato deciso";

Illi anki apparti l-ġudikat veru u proprju, bħala li jagħti lok għall-eċċezzjoni tal-"non bis in idem", il-ġudikat huwa dejjem valevoli biex tiġi definita kwistjoni fondata fuq l-istess "ratio petendi" — kif inhi din ċara sentenza Appell "Camilleri vs. Frendo", 5 ta' Frar 1934, Vol. XXVIII—I—519);

**Ikkunsidrat;**

Illi għandu jiġi anki osservat partikolarment, a propożitu tan-nota preżentata l-lum mill-konvenut, illi hu prinċipju ri-

ċetus fil-ġurisprudenza illi l-ġudikat jikkomprendi anki dawk id-deduzzjonijiet li huma assorbiti bil-kwistjonijiet li ġew irrevokabilment deċiżi bih; altrimenti l-prinċipju ta' l-istabilità tal-ġudikat jiġi serjament kompromess (ara sentenza ta' din il-Qorti "Abela vs. Fenech", 18 ta' Frar 1946, u sentenzi fiha ċitati fuq dan il-punt);

**Ikkunsidrat;**

Illi kif jidher mill-verbal fol. 16, id-difensur tal-konvenuti issottometta illi, non ostanti dik id-deċiżjoni, hu jista' dejjem jiddeduċi b'eċċezzjoni n-nullità tal-kuntratt "de quo", u dan bis-saħħa ta' l-art. 1270 kombinat ma' l-art. 1080 Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta — teżi li ġiet elaborata fin-nota tar-riljevi fol. 17;

Illi però, il-kwistjoni ma hix aktar dik jekk nullità tistax tiġi dedotta b'eċċezzjoni jew għandhiex tiġi miġjuba 'l quddiem b'azzjoni; għaliex din il-kwistjoni hi issa superata bl-oħra, aqwa u assorbenti, tal-ġudikat; u sija bħala azzjoni, sija bħala eċċezzjoni, il-punti sollevati ġew irrevokabilment deċiżi, u ma jistgħux il-lum jiġu risollevati aktar;

Illi kif jidher mill-verbal tal-lum, ma hemmx deduzzjonijiet oħra kontra d-domanda, li għalhekk hi pruvata bid-dokument eżibit; salva l-impożizzjoni tal-ġurament infraordinat;

Illi r-riżerva għall-imgħax ulterjuri magħmula fiċ-ċitazzjoni għandha però titqies dejjem bil-proviżo illi l-ammont ta' l-imgħax ma għandux ikun qatt "ultra duplum" (sentenza Prim'Awla 12. 10. 35, "Axiak vs. Laferla");

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' d-domanda bl-ispejjeż kontra l-konvenut; basta li l-attur nomine, fi żmien ġimgħat ijiem mil-lum, jikkonferma bil-ġurament illi hu stess ma rċeviex, u ma jirriżultalux li Enrico jew Antonia Cannataci, rċevew, xi somma akkont ta' l-imgħax mitluba.